# It-Tabib Paul Cassar

## M.D., D.P.M., P.R. Hist. (London)

**Kitba ta' Carmel P. Baldacchino**

It-Tabib Paul Cassar twieled fiż-Żejtun fid-29 ta' Ġunju, tas-sena 1914. Missieru kien John u ommu kienet Antwanett née Degabriele u kienu joqogħdu l-Isla. Nhar l-Imnarja ta' l-1914, bħas-soltu ġew jaraw lil qrabathom fiż-Żejtun. Antwanett kellha seba' xhur tqala.

Waqt li kienu ż-Żejtun ħassitha xi ftit ma tiflaħx, għalhekk ġiet mitluba l-għajnuna ta' tabib mill-istess raħal fejn sar il-ħlas tat-tarbija.



It-tarbija ġiet mgħammda fil-Bażilika ta' Marija Bambina fl-Isla u ġiet mogħtija l-isem ta' Paul. Meta kiber Paul beda l-istudji tiegħu fil-liċeo. Bl-interess li wera fl-istudji tiegħu, hu deher li kien se jipprometti u fil-fatt għamel l-eżamijiet meħtieġa fejn daħal fl-Università Rjali ta' Malta fejn iggradwa PH.C. fl-1936 u B. Sc. fl-1937 u M.D. fl-1940.

Fil-gwerra (1939-1945) huwa offra s-servizz mediku tiegħu kemm f'Malta kif ukoll fl-Ingilterra fejn wera ħeġġa kbira fil-kura tiegħu lejn il-pazjenti li jiġu quddiemu. Huwa ggradwa D.P.M. fl-1944 fejn ħadem fl-isptarijiet *National Queen's Square*, *Maida Vale Hospital*, *Royal Edniburgh Mental Hostpital*, *Mill Hill Nervous Hospital*, kif ukoll fil-*Moudsley Hospital*.

Mill-1940 'il quddiem, it-Tabib Cassar ħadem f'diversi sptarijiet tal-mard tal-moħħ. Fis-sena 1964 huwa ġie nnominat kunsulent psikjatra fid-Dipartiment tas-Saħħa. Kien jeżerċita xogħlu fil-*Kennedy Memorial Child Guidance Clinic* u kien ukoll *lecturer* fil-klinika psikjatrika ta' l-Università Rjali.

Huwa kien membru fir-*Royal Historical Society* f'Londra fis-sena 1962. Kien ukoll membru ta' l-*International Academy*, President tal-*British Medical Association (Malta Branch)* fl-1966 u wieħed mill-Fundaturi tar-*Royal College of Psychiatrists* fl-1971. Fis-sena 1984 huwa ġie onorat mill-Unjoni Medika bl-ittri D. Litt. (Honoris Causa). Fl-1995 ġie wkoll mmeritat mill-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann. Fl-istess sena rċieva wkoll il-medalja għall-qadi tar-Repubblika.

It-Tabib Paul Cassar ta wkoll il-kontribut siewi tiegħu fejn tidħol ir-riċerka fuq l-istorja tal-mediċina f'Malta u r-riżultat ta' dan deher meta ppubblika l-ktieb *The Medical History of Malta* fis-sena 1965 fejn dwaru kellu tifħir internazzjonali.

Apparti, huwa kien jinteressa ruħu fl-Istorja ta' Malta inġenerali u kellu xewqa kbira li jara d-dizzjunarju tal-Prof. Aquilina lest. Kellu interess ukoll fir-relazzjoni bejn Malta u l-Amerika, l-istorja ta' l-Isptar San Luqa, ir-residenza ta' l-anzjani fi Sptar San Vinċenz de Paule kif ukoll fil-librerija ta' l-Iskola Medika f'Malta.

It-Tabib Cassar kien raġel umli ħafna u kull min jersaq lejh għal xi parir kien bil-paċenzja kollha jara kif jgħinu, fosthom lili stess li kelli x-xorti niltaqa' miegħu fil-Biblijoteka Nazzjonali. Avviċinajtu minħabba xi parir li kelli bżonn u hu malajr iggwidani u qalli fejn għandi nfittex.

Meta għedtlu li jien miż-Żejtun tgħidx kemm ħa gost u ħalla kollox minn idejh u bdejna nitkellmu fuq ir-raħal tant għal qalbna. Ngħid id-dritt, fih sibt ħabib kbir u swieli ta' għajnuna kbira. B'sens ta' kburija qalli li hu kuntent ħafna li twieled fiż-Żejtun. Tkellimna wkoll dwar il-Parroċċa u kif ukoll irrakkontali ħafna dwar it-tfulija tiegħu fiż-Żejtun meta hu kien jiġi mal-ġenituri tiegħu għand qrabathom.

Inħossni tassew onorat li ktibt dawn l-erba' versi dwar persuni bħal din, li mhux ta' min jinsiha. Wara ħidma sfieqa u kontinwa għall-istorja tal-gżejjer tagħna huwa ħalla lil din id-dinja biex jingħaqad mal-Mulej fil-15 ta' Jannar tas-sena 2006.